MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 390/2012

**L-Avukat Damian Bigeni bhala mandatarju specifiku tas-socjeta estera Laptops4Malta Ltd (numru ta' registrazzjoni 07401721)**

**vs**

**Ramon Anastasi kemm f'ismu proprju kif ukoll bhala ezercenti l-kummerc that l-isem "IT Works"**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mir-rikorrenti nomine fit-28 ta' Mejju, 2012** u li permezz taghha talab il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' elfejn tlett mija sebgha u hamsin euro u sebgha u sebghin centezmu ta' euro [€2,357.77] u dan wara li ppremetta hekk:

"Jghid il-konvenut il-ghala dana l-Onorabbli Tribunal m'ghandux jikkundannah ihallas lill-attur nomine l-ammont ta' elfejn tlett mija sebgha u hamsin Ewro u sebgha u sebghin centezmu (€2,357.77) jew ammont verjuri illi jkun

ekwivalenti ghas-somma ta’ elf disa’ mija sitta u sittin lira Sterlina (£1,966), u liema ammont verjuri ma ghandux, in ogni kaz, ikun jezorbita l-gurisdizzjoni ratione valoris ta’ dana t-Tribunal.

Jigi dikjarat illi l-ammont pretiz jirraprezenta bilanc illi ghad irid jithallas mill-konvenut lill-attur nomine ghall-bejgh u kunsinna ta’ erba’ laptops; senjatament zewg (2) laptops tad-ditta Acer tip 5738DZG; laptop iehor ukoll tad-ditta Acer tip 5332 T3100 u E-machine tat-tip G420, u dana kollu fuq struzzjonijiet tal-konvenut stess.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta’ l-ittri interpellatorji spediti mill-mittenti u datati t-18 ta’ Lulju, 2011 u t-8 ta’ Awwissu 2011; l-ispejjez ta’ l-ittra ufficjali pprezentata a tenur ta’ l-Artikolu 166A, Kap. 12 f’Jannar 2012 fl-ismijiet Laptops4Malta Ltd vs Ramon Anastasi pro et noe; kif ukoll bl-ispejjez tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma’ l-imsemmija ittra ufficjali fl-istess ismijiet. Dana kollu apparti l-imghax legali bl-oghla rata permessa mil-ligi sad-data ta’ l-effettiv pagament”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat fis-6 ta’ Settembru, 2012 ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-18 ta’ Settembru, 2012, nhar it-12 ta’ Ottubru, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mir-rikorrenti nomine fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-12 ta’ Ottubru, 2012 u l-fatt li l-intimat naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tar-rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-intimat proprio et nomine jhallas lir-rikorrenti s-somma ta’ elfejn tlett mija sebgha u hamsin euro u sebgha u sebghin centezmu ta’ euro [€2,357.77], bl-imghax kif mitlub mid-data ta’ meta l-ammont kien dovut.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimat proprio et nomine fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------